Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 11/2018

**Sharon Brownrigg (appellanti)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali (appellat)**

25 ta' Marzu, 2019.

1. B'decizjoni tas-17 ta' Settembru, 2018 l-Arbitru cahad it-talba tar-rikorrenti li biha talbitu jhassar id-decizjoni tal-intimat li cahad talba taghha sabiex tkun beneficjarja tat-tnaqqis gradwali tal-Ghajnuna Socjali waqt impieg *full-time*, u dan ghaliex ma kinitx beneficjarja tal-Ghajnuna Socjali fiz-zmien li applikat.

2. Ir-rikorrenti appellat mid-decizjoni bl-aggravju jkun li l-appellat ghamel apprezzament hazin tal-ligi u fatti. L-appellanti ssostni li l-kondizzjonijiet tal-iskema ma kinux jinkludu li fid-data tal-applikazzjoni l-appellata trid tkun beneficjarja tal-ghajnuna socjali. Ilmentat ukoll li kienet qeghda tigi ddiskriminata bi ksur tal-artikolu 14 tal-Kap. 319.

3. L-appellat wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud. Hu jinsisti li sabiex persuna tibbenifika mill-iskema, trid tissodisfa dawn il-kriterji:

   i. Tkun kap tal-familja;
   ii. Tkun sabet impjieg assigurabbli;
   iii. Fil-mument tal-applikazzjoni biex tgawdi mill-iskema, trid tkun qeghda tibbenifika mill-ghajnuna socjali u tkun ilha hekk tibbenifika ghall-perjodu totali ta' sentejn fl-ahhar tlett snin qabel ma ssir it-talba;

4. Fatti rilevanti.

   i. Fis-6 ta' April, 2017 id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali waqqaf l-ghajnuna socjali (SA) li kienet qeghda tircievi r-rikorrenti, bir-raguni tkun li hi impjegata. L-appellanti qalet li dakinhar kienet infurmat lill-ufficcju distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li kienet ser tibda tahdem fil-11 ta' April, 2017.
   ii. Ir-rikorrenti qalet li bdiet tahdem fil-11 ta' April, 2017.
   iii. Fl-20 ta' April, 2017 id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali rcieva applikazzjoni minghand ir-rikorrenti ghat-tnaqqis gradwali tal-ghajnuna socjali. Quddiem l-Arbitru xehedet li, *"Jiena dahhalt l-applikazzjoni*

*wara peress, milli niftakar, illi lhaqt bdejt nahdem u ghalhekk kelli hafna x'naghmel u eventwalment kont applikajt ghal din l-ghajnuna".*

iv. Fl-applikazzjoni ddikjarat li ser tibda tahdem bhala impjegata mit-12 ta' April, 2017.

v. Id-Dipartiment irrfijuta t-talba tar-rikorrenti ghar-raguni li fid-data tal-applikazzjoni ma kinitx qeghda tircievi ghajnuna socjali.

5. Fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Gunju, 2014 kien pubblikat Notifikazzjoni tal-Gvern li bih il-Ministru ghall-Familja u Solidarjeta Socjali ddikjara li qieghed jintroduci skema bil-ghan li, *"... tintroduci persuni li jkun ilhom izjed minn sentejn jirregistraw fuq l-Ewwel Taqsima tar-Registru, mizmum skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tal-Impieg u Tahrig,* ***u/jew ilhom izjed minn sentejn jibbenefikaw minn ghajnuna Socjali taht l-Artikolu 30 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318)****, u jidhlu f'impieg assigurabbli".* Ghalhekk b'din l-iskema l-Gvern ried ihajjar nies li kienu ilhom izjed minn sentejn jirregistraw ghax-xoghol jew jircievu ghajnuna socjali, sabiex jimpjegaw ruhhom.

6. L-ghajnuna tinghata, fost'ohrajn, lil dak il-kap tal-familja li *"fit-tliet snin qabel issir it-talba jkun qieghed jircievi ghal sentejn jew iktar"*, ikun qed jircievi l-ghajnuna socjali. Fin-notifikazzjoni jkompli jinghad li:

> *"b. L-ghajnuna tinghata wkoll lil persuna li tkun ilha tircievi l-Ghajnuna Socjali ghal sentejn jew iktar fit-tliet snin qabel issir it-talba u li tiddeciedi li tidhol fid-dinja tax-xoghol".*

7. L-Arbitru irrefera ghall-paragrafi 2,3 u 4 tal-avviz u ddecieda:

> *"10. Illi l-arbitru huwa tal-fehma illi dawn r-regoli fuq kwotati ghandhom jinqraw flimkien u ghalhekk huwa car minn dawn ir-regoli illi meta persuna tapplika ghall-beneficcju tat-tapering of benefits* ***ghandu jkun dak il-hin beneficjarju tal-ghajnuna socjali****.*
>
> *11. Illi di piu r-regola 4 ighid espressament illi 'l-persuna beneficjarja tal-Ghajnuna Socjali, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) u li tkun ilha beneficjarja ghal sentejn jew iktar fit-tliet snin qabel taghmel it-talba jew qabel il-persuna tibda tahdem, ma titlifx id-dritt ghall-Ghajnuna Socjali".*

8. Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-Arbitru. Paragrafu 2 jispjega min jikkwalifika ghall-iskema, u dawn iridu jkunu:

i. Kap ta' familja; u

ii. Fi tlett snin qabel issir it-talba (fil-kaz in ezami 20 ta' April, 2017) irid ikun qieghed jircievi ghal sentejn jew iktar ghajnuna socjali jew ghajnuna socjali ghal disimpieg;

9. M’hemm l-ebda kundizzjoni li fid-data tal-applikazzjoni il-persuna trid tkun qeghda tircievi l-ghajnuna socjali.

10. Hekk ukoll fil-parti tan-notifikazzjoni ntestata ***"3) Kif jinkiseb id-dritt ghal din l-iskema"***, ma jinghadx li fid-data tal-applikazzjoni l-persuna trid tkun qeghda tircievi l-ghajnuna socjali izda li tinghata lil dik il-persuna li fit-tliet snin qabel issir it-talba, *"tkun ilha tircievi l-ghajnuna socjali ghal sentejn jew aktar"*.

11. Dan apparti li jekk kundizzjoni hi li fid-data tal-applikazzjoni il-persuna trid tkun qeghda tircievi l-ghajnuna socjali, ma jaghmilx sens li jissemma l-perjodu tal-ahhar tlett snin minn meta ssir it-talba u mbaghad li l-applikant trid tkun qieghda tircievi ghal sentejn jew iktar l-ghajnuna socjali.

**Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-appell u thassar id-decizjoni tal-Arbitru tas-17 ta’ Settembru, 2018 u ghaldaqstant thassar ukoll id-decizjoni tal-appellat li biha ddikjara li l-appellanti m’hijiex intitolata ghat-tnaqqis gradwali tal-ghajnuna socjali minhabba li ma kinitx beneficjarja ta’ ghajnuna socjali meta applikat.**

**Spejjez a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.